MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2004

Numru 343/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond D'Anastas**
v

**GEORGE BRIFFA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GEORGE BRIFFA** ta' erbgha w hamsin sena bin Emanuel u Giorgia nee Fsadni, imwieled Hal Qormi nhar t-tmintax ta' Awissu 1947 u joqghod 'Dar Giorgiana', 22, Triq Pietru Felici, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita` numru 742647M, gie imressaq quddiemha akkuzat talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2002 f'Hal Qormi ghal habta tas-sitta w nofs ta' filghodu voluntarjament ikkaguna feriti ta' natgura gravi fuq il-persuna ta' Saverio Cardona skond ma ccertifikaw t-tobba

Tony Fenech u M.E. Borg tal-isptar San Luqa u talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghall-imsemmi Saverio Cardona sabiex jingurjah, jdejjqu u jghamillu hsara.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Saverio Cardona u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-hdax ta' Dicembru 2002 esebiti fl-atti a fol 58 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tas-sbatax ta' Marzu 2003 a fol 61 tal-atti.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u lix-xhud tad-Difiza mart l-imputat Pauline Briffa.

Ikkunsidrat:

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 **xehed PS 1219 Zammit** fejn qal kif nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2002 waqt li huwa kien l-Ghassa ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu mar Saverio Cardona jaghmel rapport li George Briffa kien aggredih u qallu xi kliem offensiv. Saverio Cardona ghadda lix-xhud wkoll zewg certifikati medici li jinstabu esibiti fl-atti bhala dokumenti CSH 6 u CSH 7. Dan ix-xhud spjiega kif ra lil Saverio Cardona bil-parti tal-widna tieghu maqtugha. Dak il-hin Saverio Cardona qallu li huwa kien mar jistenna lil George Briffa hdejn daru w appena rah hiereg mill-bieb ta' barra u diehel fil-vettura tieghu, mar jigri ghal hdejh u qallu "issa daqshekk teatrini" u spiccaw fl-idejn. Mistoqsi jekk kellimx lil imputat fuq dan r-rapport, dan ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u qal li George Briffa kien qallu li veru kienu tlewwmu bejniethom pero cahad li gidimlu widintu.

**Saverio Cardona xehed** nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 fejn qal li fis-sitta w ghoxrin ta' Frar 2002 huwa kien avicina r-residenza ta' George Briffa u qaghad jistenna barra. Una volta George Briffa hareg mid-dar tieghu huwa avvicinah u qallu "teatrini daqshekk, issa spiccaw u li daqshekk kien ser jitnellah bih". Huwa beda jallega li l-imputat kellu relazzjoni mal-mara tieghu. Huwa spjiega li meta l-imputat rah, wiccu hdar u qallu li kien imqabbad mieghu. Huwa ra lil imputat jgholli idejh ma wiccu, zammlu idu u qabdu f'xulxin u waqghu mal-art. Waqt li kienu ma gemb xulxin, l-imputat qabadlu widnejh u hatafielu bi snienu. Huwa kompla jiddeskrivi kif imbaghad qam minn fuqu u resaq lura.

**In kontro ezami Saverio Cardona jghid** li dakinhar li mar jkellem lil imputat, l-imputat hareg mid-dar kmieni u qal li mar jkellmu ghaliex ma riedx li l-imputat jahseb li 'ma kienx bully u ma jistax jkellmu'. Saverio Cardona kkonferma wkoll li kien hu li mar ghal fuq l-imputat u mhux vice versa [vide fol 28 tal-atti odjerni].

**Doctor Dino Vella Briffa xehed** nhar l-hdax ta' Novembru 2002 w iddeskriva l-ferita li kellu Saverio Cardona f'widnejh bhala wahda ta' natura gravi u li tikkostitwixxi sfregju ta' natura permanenti. Huwa spjiega wkoll li l-ferita fuq s-seba ta' Cardona li ma tkellimx dwarha fix-xhieda tieghu, hija wkoll ta' natura gravi.

**Illi l-imputat ghazel li jixhed** u jaghti spjiegazzjoni dwar dak li gara dakinhar tal-incident. L-imputat spjiega li dakinhar tal-incident huwa kien hiereg mid-dar bil-basket tax-xoghol w l-landa taz-zibel u ra lil Saverio Cardona hiereg minn karozza faccata tieghu u gie ghal fuqu. Huwa nizzel il-basket minn idu u dan Saverio Cardona tah daqqa u laqtu f'xofftu. Huwa esibixxa certifikat mediku dokument Z sabiex jikkollobora ix-xhieda tieghu fis-sens dwar il-ferita li hu ssubixxa dakinhar. Beda jghidlu 'daqshekk teatrini' u qabdu f'xulxin. L-imputat kompla jispjiega li bid-daqqa li qala huwa storda, spicca mal-art u kien biss wara li gie f'tieghu li rnexxielu jitfa lil Saverio Cardona tahtu.

Mistoqsi dwar il-ferita li ssubixxa Saverio Cardona, l-imputat wiegeb li l-ferita f'subajh ma hiex relatata ma dan l-incident filwaqt li ma kienx jaf kif spicca b'widjenh maqtugha ghaliex hu ma kellux l-intenzjoni li jaqtalu widnejh u fil-fatt ma jafx li qatalu widnejh. L-imputat jghid li setgha gralu hekk waqt li kienu qed jitgerrbu fuq xulxin ghal xi tnejn u ghoxrin pied.

Il-Qorti ezaminat wkoll l-istqarrija li l-imputat irrilaxxja ftit wara l-incident a tempo vergine tal-investigazzjoni u minn ezami tal-istess dokumenti CSH 2 u CSH 3 esibiti a fol 9 et seq tal-atti, l-imputat jaghti l-istess versjoni tal-fatti kif moghtija minnu viva voce l-Qorti sena w nofs wara.

**Pauline Briffa mart l-imputat xehdet** li rat lil Saverio Cardona gej minn faccata tat-triq taghhom jgholli idu w jxejjer daqqa ta' ponn. Rat lil zewgha jaqa mal-art bid-daqqa. Idejn ir-ragel kienu mimlijin ghaliex kellu basket u garbage bag u ghalhekk ma setghax jiddefendi lilu nnifsu. Rathom mal-art jitgerrbu. Hija taf pero li l-imputat spicca b'gundalla fuq rasu u xofltu maqsuma.

Illi dwar in-natura tal-ferita subnita minn Saverio Cardona f'widnejh u cioe li hija ta' natura gravi ma jidhirx li hemm kontestazzjoni bejn id-Difiza w il-Prosekuzzjoni.

Il-kontestazzjoni esiztenti bejniethom issib l-isfond taghha meta l-imputat jsostni li huwa ghamel dak li ghamel bhala rizulta ta' self defence filwaqt li l-Prosekuzzjoni tallega li l-imputat aggredixxa lil Saverio Cardona di sua sponte w ikkagunalu feriti ta' natura gravi.

Il-Qorti taghmel referenza ghal artikolu 223 tal-Kap 9 u cioe "ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offizi fuq il-persuna huma ordnata jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita legittima jew mehtieg mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."

Il-Qorti taghmel referenza ghal zewg sentenzi moghtija minnha fl-ismijiet **Il-Pulizija v Costantino Borg** ***deciza nhar t-tlettax ta' Settembru 2001*** u **Il-Pulizija v Alfred Briffa** ***deciza nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Gunju 1999***, li

minnhom ma dahalx appell, fejn elaborat dwar il-principji ta' legittima difesa u eccess in legittima difesa. Din il-Qorti kienet sostniet li huwa dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni ta' haddiehor anke jekk hemm bzonn bl-uzu ta' forza. Il-ligi pero timponi certi kundizzjonijiet sabiex din l-eccessjoni tigi milqugha. It-theddid irid ikun gust, gravi w inevitabbli.

Fil-fatt, l-***Imhallef Harding*** fis-sentenza tieghu fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Attard** moghtija nhar ***l-hdax ta' Novembru 1968*** jghid:

*"L-estremi tal-legittima difesa ma jistghux jigu ndikati ahjar milli bil-formula klassika tal-Carrara li l-perikolu hemm bzonn li jkun ingust, gravi w inevitabbli."*

Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jeffettwaw ruhhom, jikkagjonaw hsara rreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, gisen u/jew partjiet tal-gisem tad-difensur.

L-imputat irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikoli li ma setghux jigu evitati b'mod iehor.

Il-perikolu irid ikun vicin w attwali. Issa f'dan il-kaz ma hemmx dubbju li l-perikolu kien wiehed f'dak il-mument meta Saverio Cardona qasam t-triq, mar fuq l-imputat ghas-sodisfazzjon biex jurih li huwa bully w aggredih. Ghalhekk il-perikolu kien attwali. L-imputat kien imsakkar bejn il-vettura w il-bankina tieghu b'Saverio Cardona fuqu. B'hekk l-imputat ma setghax jahrab l-aggressur tieghu ghalkemm mhux obbligat li jaghmel hekk. Il-perikolu zgur li kien dak l-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li saret hinijiet qabel ghaliex f'dak il-kaz kien jaghti lok d-difiza ta' provokazzjoni u mhux legittima difesa. Il-perikolu zgur li kien assolut cioe f'dak il-mument li kien qed jsehh u ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Hawnhekk it-test irid ikun wiehed soggettiv u cioe wiehed irid jistaqsi x'setgha ghamel l-imputat f'dik is-sitwazzjoni u mhux x'kien jaghmel hu rinfaccjat b'sitwazzjoni simili.

Fil-fatt **il-Professur Mamo** jghid

"*The danger against which the accused reached should be viewed not necessarily as it was in truth and infact but rather as the accused saw it at the time*."

Il-Qorti ghalhekk ghandha tpoggi ruhha nnifisha fil-posizzjoni tal-istat mentali w psikologiku li kien fih l-imputat dakinhar meta agixxa b'dak il-mod, fic-cirkostanzi kif hassu dak l-hin u mument, bezghan mill-aggressur, sorpriz, imweggha, stordut bid-daqqa li qala. Kienet sitwazzjoni li ma holoqhiex l-imputat, izda holoqha Saverio Cardona bl-attitudini w aggressivita tieghu.

Ma hemmx dubbju li l-imputat gie wkoll aggredit tant li qala daqqa fuq rasu u xofftu u kien dak l-hin meta aggredixxa lil Saverio Cardona, kif jirrizulta mic-certifikat esibit mill-imputat stess.

**Illi ghalkemm ma jirrizultax bic-car li kien l-imputat li gidem il-widna ta' Saverio Cardona, xorta jirrizulta li l-imputat agixxa b'dak il-mod taht legittima difesa ghalih nnifsu u ghalhekk din il-linja t'eccezzjoni qed tigi milqugha u konsegwentement qed tillibera lil imputat minn din l-akkuza.**

**Dwar t-tieni w t-tielet akkuza** u cioe dik kontravenzjonali ai termini tal-artikolu 339(d)(e) il-Qorti rat li l-incident sehh nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar 2002 u l-imputat gie notifikat ghall-ewwel darba fis-sebgha w ghoxrin ta' Gunju 2002 u cioe meta l-Qorti ordnat mandat fil-konfront tieghu ghaliex naqas li jidher quddiemha.
Illi ghalhekk ai termini tal-artikolu 688(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta dawn iz-zewg akkuzi **huma preskritti u l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes ta' nomina ta' esperti il-Qorti rat li l-imputat gie liberat mill-akkuza principali ta' dan il-kaz u ghalhekk m'ghandhix tilqa tali talba u tichadha fl-intier taghha.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------